IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2014
COM(2014) 444 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa r-raba' rapport u dak finali dwar l-implimentazzjoni ta' Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS).

Id-deċiżjoni[1] li varat dan il-programm f'Diċembru 2008 ddikjarat li l-Kummissjoni "sal-31 ta' Diċembru 2010, u mbagħad kull sena sal-2013,... għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm MEETS". Iddikjarat ukoll li "sal-31 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lil-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm MEETS. Dan ir-rapport għandu jevalwa, fid-dawl tan-nefqa mġarrba mill-Komunità, il-benefiċċji tal-azzjonijiet li jirriżultaw għall-Komunità, l-Istati Membri u l-fornituri u l-utenti tal-informazzjoni statistika, biex jiġu identifikati oqsma għal titjib potenzjali.'

Ġew ippubblikati tliet rapporti, li jkopru l-programmi ta' ħidma annwali 2009 u 2010, 2011 u 2012. Dan ir-rapport jagħti valutazzjoni finali tal-implimentazzjoni tal-programm MEETS. Aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati kollha tal-programm MEETS hija disponibbli fuq il-paġna ewlenija speċifika għal dan is-suġġet taħt "Statistics explained" (l-Istatistika spjegata) fuq il-websajt tal-Eurostat[2].

L-attivitajiet kollha tal-MEETS kienu konformi mal-istrateġija stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-10 ta' Awwissu 2009 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċenju li ġej[3].

Il-programm MEETS ġie strutturat biex jilħaq l-erba' għanijiet ewlenin li ġejjin, fejn kull wieħed minnhom kien jinkludi diversi proġetti.

(1) '**Ir-reviżjoni tal-prijoritajiet u l-iżvilupp ta' ġabriet ta' indikaturi fil-mira għal oqsma ġodda**' -- l-identifikazzjoni u deċiżjonijiet dwar liema oqsma ġodda għandhom jiġu deskritti, kif ukoll l-eżaminazzjoni ta' rekwiżiti qodma.

(2) '**Il-kisba ta' qafas issemplifikat ta' statistika marbuta man-negozju**' -- l-integrazzjoni ta' oqsma differenti ta' statistika tan-negozju, inkluża l-koordinazzjoni ta' atti legali, l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji, l-irbit u l-armonizzazzjoni ta' klassifikazzjonijiet ta' statistika u reġistri kummerċjali ma' sorsi relatati, l-inklużjoni ta' gruppi multinazzjonali u tal-ġbir tad-dejta tagħhom.

(3) **'L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' mod aktar effiċjenti għall-produzzjoni ta' statistika dwar intrapriżi u kummerċ'** -- l-użu aktar effiċjenti ta' dejta eżistenti billi d-dejta miġbura tiġi integrata f'sistema waħda jew permezz tal-irbit ta' mikrodejta, aktar użu ta' dejta amministrattiva u l-vantaġġ meħud mill-istandards tal-kontabbiltà armonizzati.

---

[1] Skont it-termini tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS).

[2] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/MEETS_programme.

[3] COM(2009) 404.

(4) '**L-immodernizzar ta' Intrastat**' -- it-titjib tas-sistema ssemplifikata Intrastat permezz ta' xogħol fuq l-armonizzazzjoni ta' metodi, titjib tal-użu ta' dejta amministrattiva u titjib fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)[4].

2. Implimentazzjoni ta' għanijiet u azzjonijiet 2009-2013

2.1 Livell ta' parteċipazzjoni u finanzjament

Sa tmiem l-2013, il-biċċa l-kbira tal-proġetti kienu ġew finalizzati u ħafna mir-riżultati ġew ippreżentati. Matul il-perjodu 2009-2013, il-programm MEETS ipprovda finanzjament li sewa EUR 42.5 miljun bħala appoġġ għall-iżvilupp kummerċjali f'diversi negozji u oqsma relatati mal-kummerċ tal-istatistika. Il-livell ta' implimentazzjoni tal-krediti operazzjonali tal-MEETS matul dak il-perjodu kien 87 %[5].

In-netwerks kollaborattivi fl-ESS, in-Netwerks tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSnets), jibqgħu mezz importanti ta' implimentazzjoni tal-għanijiet tal-programm. L-ESSnets huma mezz biex jiġu żviluppati proġetti ġodda fejn xi Stati Membri li jkunu interessati f'qasam speċifiku jikkollaboraw b'mod attiv f'kompiti komuni u mbagħad ixerrdu r-riżultati fost l-Istati Membri mhux parteċipanti. Dan il-mod ta' ħidma għandu vantaġġi fl-użu ta' sinerġiji, fl-iffrankar tal-ispejjeż u fil-qsim tal-aħjar prattiki, filwaqt li jiġu żviluppati azzjonijiet speċifiċi li huma benefiċjali għall-ESS kollha kemm hi. B'kollox, 23 minn 32 Membru tal-ESS ħadu sehem f'mill-inqas ESSnet waħda ffinanzjata mill-MEETS matul il-ħames snin tal-programm.

Il-finanzjament ingħata wkoll għal ftehimiet ta' għotjiet individwali konklużi mal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs), u għal ċerti studji esterni li twettqu minn kuntratturi. Proġetti oħra mingħajr finanzjament speċifiku ġew ippreparati mill-Eurostat u l-NSIs. Biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-programm, xi finanzjament kien ukoll użat għall-appoġġ tekniku u amministrattiv, pereżempju biex jiġu organizzati sessjoni ta' ħidma u task forces mal-esperti nazzjonali. B'kollox, ġew iffinanzjati 93 azzjoni annwali. L-għotjiet, jew permezz tal-ESSnets jew għotjiet individwali, kienu l-aktar strument komuni għall-finanzjament ta' azzjonijiet (madwar 90 % tal-krediti operazzjonali). Sal-aħħar tal-2013, 28 minn 32 membru tal-ESS kienu ħadu sehem f'mill-inqas waħda mill-għotjiet individwali tal-Programm MEETS.

2.2. Objettiv 1: Ir-reviżjoni tal-prijoritajiet u l-iżvilupp ta' ġabriet ta' indikaturi fil-mira għal oqsma ġodda

L-identifikazzjoni ta' oqsma ta' inqas importanza

Fl-2009, ġie kkummissjonat studju estern biex jiġu evalwati atti legali f'dawk l-oqsma tal-istatistika li kienu ġew identifikati bħala li jeħtieġu reviżjoni. L-istudju svela livell konsiderevoli ta' konsistenza bejn il-kunċetti u d-definizzjonijiet relatati mill-qrib, iżda identifika wkoll xi proġetti potenzjalment awtonomi, u numru ta' inkonsistenzi.

---

4 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/MEETS_programme.

5 Inklużi t-trasferimenti interni. Il-Eurostat indikat fir-Rapport Annwali tal-Attività 2010 eċċezzjoni fir-rigward tal-użu tal-krediti tal-MEETS dwar il-baġit tal-2010. Din l-eċċezzjoni kienet ġiet ikkunsidrata fil-kalkolu tal-livell ta' eżekuzzjoni tal-krediti operazzjonali tal-MEETS għall-ewwel sentejn.

Dawn ir-riżultati kienu l-bażi għall-ħidma tal-'ESSnet dwar il-Konsistenza tal-kunċetti u l-metodi tal-istatistika relatata man-negozju u l-kummerċ' (objettiv 2).

Fl-2010, il-Kumitat tal-ESS adotta approċċ ġdid abbażi tal-istrateġija. Oqsma ta' importanza aktar baxxa tal-istatistika dwar in-negozju u l-kummerċ ġew identifikati matul l-analiżi strateġika annwali tal-prijoritajiet tal-Eurostat. Konsegwentement, l-azzjoni 'Identifikazzjoni ta' oqsma ta' importanza aktar baxxa' tneħħiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-programm MEETS. Bħala parti minn diskussjoni usa' fuq l-hekk imsejħa prijoritajiet negattivi fi ħdan l-ESS, l-analiżi tal-2010 wasslet għas-semplifikazzjoni tal-Programm MEETS, u diversi azzjonijiet ġew amalgamati.

L-iżvilupp ta' oqsma ġodda (gruppi ta' intrapriżi, globalizzazzjoni, intraprenditorija)

Xi studji varati fil-bidu tal-programm MEETS wasslu għal rakkomandazzjonijiet dwar kif ikun l-aħjar biex tinġabar dejta fil-qasam ta' statistika dwar il-gruppi ta' intrapriża u tal-globalizzazzjoni ekonomika.

Wara s-semplifikazzjoni ta' MEETS, aktar xogħol metodoloġiku u l-organizzazzjoni ta' ġbir ta' dejta pilota beda jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' 'ESSnet dwar it-tfassil ta' profili ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar u kumplessi' kif ukoll l-'ESSnet dwar il-kejl tal-katini tal-valur mondjali'.

Il-Programm Indikatur għall-Intraprenditorjat konġunt (EIP) ġie żviluppat b'kooperazzjoni mal-OECD biex isostni politiki marbuta mal-intraprenditorija b'indikaturi li jiddeskrivu l-oqsma ta' 'aċċess għall-finanzi', 'R&D', 'innovazzjoni u teknoloġija, 'kapaċitajiet/ħiliet' u 'kultura għall-intraprenditorija'.

Bħalissa qed tiġi żviluppata l-inklużjoni ta' indikaturi obbligatorji għal impriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir fil-qafas legali tad-demografija tan-negozji ta' min iħaddem.

2.3. Objettiv 2: Sabiex jinkiseb qafas issemplifikat ta' statistika relatata man-negozju

Integrazzjoni tal-kunċetti u l-metodi fi ħdan il-qafas legali

L-istatistika tan-negozju tinġabar skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li żviluppat matul is-snin u li mhix neċessarjament konsistenti f'termini ta' kunċetti, kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet, metodoloġija, eċċ. L-ESSnet dwar il-Konsistenza analizza nuqqas ta' konsistenza potenzjali ta' kunċetti u metodi tal-istatistika relatata man-negozju u l-kummerċ.

L-ESSnet propost irreveda d-definizzjonijiet abbozzati tal-unitajiet tal-istatistika 'intrapriża', 'grupp ta' intrapriżi', 'unità ta' attività ekonomika' u 'unità ta' attività ekonomika fil-livell lokali' flimkien mar-regoli operazzjonali u mudell tad-dejta biex jinfurzaw implimentazzjoni uniformi. Il-proposti bħalissa qed jiġu rfinuti minn Task Force dwar l-Unitajiet tal-Istatistika, varat mill-Eurostat fl-2013.

Barra minn hekk, l-Eurostat u l-Istati Membri bdew jaħdmu biex jinvestigaw l-impatt tal-implimentazzjoni tad-definizzjoni riveduta ta' intrapriżi fl-istatistika tan-negozju. Se jkun hemm aktar testijiet tal-impatt tad-definizzjonijiet u l-metodoloġija riveduti fl-2014 u fis-snin ta' wara bil-għan li jiġu implimentati jekk l-ittestjar jirriżulta pożittiv.

Riżultati oħra ta' dan l-ESSnet huma rakkomandazzjonijiet għal metodu biex jiġu klassifikati unitajiet tal-istatistika applikati b'mod komparabbli fuq l-oqsma tal-istatistika kollha u analiżijiet komparabbli kif ukoll metodoloġija għal popolazzjoni qafas fl-istatistika tan-negozju. Barra minn hekk, l-ESSnet ipprovda rakkomandazzjonijiet għal sistema ta' varjabbli b'terminoloġija konsistenti u standardizzata, u definizzjonijiet komuni li japplikaw għall-oqsma tal-istatistika kollha, inklużi noti ta' spjega.

Ir-riżultati ser jiddaħħlu fir-Regolament Qafas li jintegra l-istatistika tan-negozju, u dan għandu jissemplifika u jarmonizza l-leġiżlazzjoni eżistenti.

Żvilupp ta' statistika dwar il-gruppi ta' intrapriża;

L-għan tar-Reġistru EuroGroups (EGR)[6] kien li jipprovdi oqsfa ta' stħarriġ konsistenti u koordinati għal produzzjoni ta' statistika ta' kwalità biex titkejjel il-globalizzazzjoni, prinċipalment għall-Istatistika tal-Affiljati Barranin u għall-Investimenti Barranin Diretti.

Fl-2009, l-ESSnet dwar il-metodoloġija tal-EGR stabbilixxa l-verżjoni 1.0 ta' EGR kif ukoll netwerk organizzazzjonali għall-iskambju ta' dejta bejn l-Eurostat u l-Membri tal-ESS. Il-popolazzjoni qafas annwali prodotta mill-EGR ġiet estiża mill-akbar 5000 grupp ta' intrapriżi multinazzjonali (MNEs) b'interess fl-UE fl-2009 u fl-2010, għal 10 000 MNEs fl-2011. Fl-2012, l-EGR 1.0 ġie aġġornat parzjalment għal verżjoni 2.0, biex b'hekk jittejbu l-effiċjenza, il-puntwalità, u l-konsistenza tal-produzzjoni. Il-banek ċentrali nazzjonali ġew assoċjati fl-2012. EGR 2.0 jirrikjedi li l-utenti u l-produtturi jkollhom aċċess remot għall-ESS, għalhekk għandu jopera f'ambjent sikur. Minħabba dewmien fl-Infrastruttura Sikura għall-Aċċess għal Dejta Kunfidenzjali (SICON), l-EGR 2.0 ma kienx operattiv bis-sħiħ fl-2013, anke jekk l-iżvilupp metodoloġiku kien diġà tlesta.

Fil-livell nazzjonali, l-implimentazzjoni tal-EGR ġiet kofinanzjata permezz ta' ftehimiet ta' għotja individwali.

L-ESSnet dwar it-tfassil ta' profili għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar u kumplessi żviluppa metodoloġija u linji gwida. L-ESSnet involva wkoll il-membri tal-SSE li ma pparteċipawx fl-ESSnet dwar l-ittestjar ta' metodi operattivi għall-mudell tat-tfassil ta' profili u pprovdiet taħriġ u għajnuna għal dan l-iskop. Il-Eurostat qed jiżviluppa Għodda Interattiva ta' Tfassil ta' Profili biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tal-ESS, filwaqt li tirrispetta r-regoli tal-kunfidenzjalità. L-ESSnet ħadem mill-qrib flimkien mal-ESSnet dwar il-Konsistenza fl-iżvilupp ta' definizzjoniet riveduti dwar l-intrapriża u regoli operattivi.

It-twettieq ta' stħarriġiet tal-UE biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż fuq l-intrapriżi

Skemi ta' ġbir ta' kampjuni tal-UE għandhom l-għan li jipprovdu aggregati affidabbli tal-UE bbażati fuq kampjun ta' xi Stati Membri għal dejta statistika li għaliha l-aggregat tal-UE jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. Xi metodoloġiji għal skemi ta' ġbir ta' kampjuni tal-UE ġew

6 Il-bażi legali ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 GU L 61, 5.3.2008, p. 6.

żviluppati għal oqsma tal-istatistika tan-negozju magħżula bħal attivitajiet marbuta mal-ispazju inkluż eż. trasport spazjali, l-istatistika strutturali tal-kummerċ għall-intrapriżi b' 250-499 impjegat, l-Istatistika esterna dwar Affiljati Barranin, nefqa u investiment fuq l-ICT u l-istatistika kulturali. Ġbir ta' dejta pilota għal attivitajiet marbuta mal-ispazju u l-Istatistika Strutturali tal-Kummerċ għall-intrapriżi b' 250-499 impjegat sabiex tiġi ttestjata u evalwata l-metodoloġija kellu jiġi kkanċellat minħabba r-reazzjoni fqira għas-sejħa għal proposti.

2.4 Objettiv 3: Biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni ta' mod iktar effiċjenti għall-produzzjoni ta' statistika dwar l-intrapriżi u l-kummerċ

Isir użu aħjar mid-dejta li diġà teżisti fis-sistema tal-istatistika, inkluża l-possibilità tal-estimi

Ix-xogħol dwar 'il-ħażna tad-dejta u l-irbit tad-dejta fil-produzzjoni tal-istatistika tan-negozju' qed isir minn ESSnet li ġie stabbilit fl-2010. L-ESSnet l-ewwel stabbilixxa ħarsa ġenerali tas-sistemi bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-ħtiġijiet futuri fis-sistemi integrati tad-dejta tan-negozju tal-membri tal-ESS.

Il-programm ta' ħidma tiegħu ffoka fuq il-ħolqien ta' sett ta' linji gwida, mudelli u rakkomandazzjonijiet għall-bini ta' maħżen tad-dejta statistika. Ir-riżultati jinkludu arkitettura ġenerika, li tagħti dettalji tal-proċessi u l-metadejta tagħha, u jipprovdu ftit perspettiva dwar l-aspetti metodoloġiċi. Sett komprensiv ta' riżultati ġie ppreżentat f'manwal li jipprovdi gwida għall-utenti matul il-proċess kollu tal-istabbiliment ta' maħżen tad-dejta statistika. Minħabba li l-iżvilupp ta' sistemi integrati jeħtieġ ħafna żmien, u minħabba li l-membri tal-ESS għandhom ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-esperjenza ta' xulxin wara t-tmiem tal-programm MEETS, il-Eurostat u l-ESSnet ħolqu ċentru ta' kompetenza għal ħażna tad-dejta.

Fl-2009, il-proġett dwar 'l-irbit tad-dejta tal-istatistika tal-kummerċ u tan-negozju' uża studju estern biex jiżviluppa l-qafas metodoloġiku għall-produzzjoni ta' indikaturi tal-istatistika dwar kummerċ estern minn karatteristiċi tan-negozju. Il-fattibilità ta' ġabra ta' dejta pilota ukoll ġiet ittestjata. Fl-2013, il-Membri tal-ESS żviluppaw u kkumpilaw sett estiż ta' indikaturi bbażati fuq il-mikrodejta tal-kummerċ u n-negozju. Il-pjan huwa li jiġu inklużi l-indikaturi l-ġodda fid-database tat-TEC (il-kummerċ skont il-karatteristiċi tal-intrapriża). Gwida tal-kumpilaturi għall-produzzjoni ta' statistika dwar kummerċ internazzjonali minn karatteristiċi tal-intrapriża bbażati fuq l-irbit bejn id-dejta tal-kummerċ u tagħrif dwar ir-reġistru kummerċjali issa hija disponibbli. Ġie żviluppat ukoll l-ewwel sett ta' indikaturi għall-kummerċ skont il-karatteristiċi tal-intrapriża għal servizzi.

Fl-2009 u l-2010, approċċ li jorbot il-mikrodejta dwar is-sorsi internazzjonali ġie żviluppat biex jitwettqu analiżi preliminari dwar l-impatt ekonomiku ta' sorsi internazzjonali. Ibbażat fuq ir-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet, fl-2011 ġie stabbilit l-'ESSnet dwar il-kejl tal-katini ta' valur mondjali'. L-ESSnet żviluppa aktar u implimenta stħarriġ imfassal mill-ġdid dwar l-issorsjar internazzjonali segwit minn eżerċizzji ta' rbit ta' mikrodejta ma' dejta tal-istatistika eżistenti (statistika strutturali dwar in-negozju, il-kummerċ barrani, l-istatistika tal-affiljati barranin).

L-ESSnet ipprovda wkoll metodoloġija ta' settijiet ta' mikrodejta marbutin li jistgħu jintużaw fl-analiżi tal-impatt fuq intrapriżi ta' ktajjen ta' produzzjoni frammentati internazzjonalment

dwar eż. il-prestazzjoni ekonomika, l-impjieg u xejriet ta' kummerċ internazzjonali tal-merkanzija. L-ESSnet żviluppa wkoll sett ta' indikaturi dwar il-globalizzazzjoni ekonomika. Ladarba jiġu implimentati, se jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika biex jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq evidenza aħjar u biex jimmonitoraw il-globalizzazzjoni/l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomiji. Ir-riżultati jinkludu wkoll pubblikazzjoni dwar l-iżvilupp ta' qafas ta' kejl għall-globalizzazzjoni ekonomika[7].

Il-proġett 'irbit ta' dejta mill-użu tal-ICT, l-innovazzjoni, l-istatistika strutturali tan-negozju u r-reġistri tan-negozju' twettaq mill-2011 sal-2013. Il-kisbiet ewlenin kienu:

- it-twaqqif ta' infrastruttura għal analiżi ta' mikrodejta mqassma,
- il-produzzjoni ta' metadejta għal skopijiet ta' ħżin tad-dejta,
- il-ġenerazzjoni ta' mikrodejta marbuta fuq livell nazzjonali,
- l-analiżi ta' suġġetti għal seba' oqsma ta' prijorità tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa,
- il-produzzjoni ta' dejta fil-livell tal-industrija f'għadd ta' pajjiżi u perjodi ta' żmien,
- studju dwar metodoloġiji ta' stħarriġ biex tittejjeb il-kwalità ta' settijiet ta' dejta marbuta, u
- protokoll dwar l-aċċess għal dejta parzjalment kunfidenzjali.

L-approċċ il-ġdid jippermetti l-produzzjoni ta' indikaturi li huma komparabbli madwar il-pajjiżi u li għandhom rendikont tal-entrati ċar marbut mad-dejta tas-sors, iżda li jippermetti wkoll il-ġenerazzjoni tad-dejta. Din id-dejta tista' tintuża biex jiġu analizzati d-differenzi fil-prestazzjoni fl-użu tal-ICT fost il-pajjiżi u l-industriji. Is-sett tad-dejta mikro-aggregata, produzzjoni ta' proċess ta' rbit ta' dejta u l-analiżi ta' settijiet ta' dejta marbuta, se jsiru disponibbli għal skopijiet ta' riċerka permezz ta' faċilitajiet safe centre (ċentri sikuri) tal-Eurostat. Ix-xogħol dwar strateġiji ta' stħarriġ intuża bħala kontribut għall-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-istatistika tan-negozju fi ħdan ir-Regolament Qafas li jintegra l-istatistika tan-negozju (FRIBS).

L-ESSnet dwar 'Metodoloġija għall-istatistika moderna tan-negozju (kampjunar ottimu, stima bbażata fuq il-mudell, integrazzjoni tad-dejta)', imwaqqaf fl-2010, ipprovda gwida metodoloġika biex isostni l-immodernizzar u l-integrazzjoni tal-istatistika tan-negozju fl-ESS. Minbarra l-iżviluppi metodoloġiċi dwar passi speċifiċi fil-produzzjoni (disinn, ġbir ta' dejta u stimi), il-proġett qassar il-korp tal-metodi tal-istatistika tan-negozju f'manwal elettroniku. Il-manwal se jservi kemm bħala referenza kif ukoll bħala bażi għal taħriġ. Hemm il-possibbiltà ta' segwitu minn ċentru ta' kompetenza. Dan qiegħed jiġi kkunsidrat.

Użu aħjar mid-dejta li teżisti diġà fl-ekonomija

[7] Eurostat, Sturgeon, Timothy J.: Global Value Chains and Economic Globalisation — Towards a new measurement framework. (Katini ta' Valur Mondjali u Globalizzazzjoni Ekonomika - Lejn qafas ġdid ta' kejl.) Il-Lussemburgu 2013,

L-'ESSnet dwar l-użu ta' dejta amministrattiva u tal-kontabbiltà' ġie varat fl-2009 u investiga kwistjonijiet prattiċi relatati mal-użu ta’ din id-dejta għall-finijiet tal-istatistika tan-negozju. Ir-riżultati ewlenin miksuba jinkludu:

- ħarsa ġenerali lejn il-prattiki nazzjonali dwar l-użu ta’ dejta amministrattiva,
- deskrizzjoni tal-metodi użati għall-istima ta’ settijiet ta’ dejta mhux kompluta meta tintuża dejta amministrattiva għal statistika fuq terminu qasir, u
- lista ta’ indikaturi għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika tan-negozju bbażata fuq dejta amministrattiva.

L-ESSnet ipprovda wkoll tagħrif dwar rabtiet minn karatteristiċi tal-istatistika għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u d-direttivi tal-kontabilità tal-UE.

L-ICT u l-internet qed jiġġeneraw ammonti kbar ta’ dejta li potenzjalment tista' tintuża bħala dejta statistika. Fl-2013, il-Eurostat vara proġett biex tiġi evalwata l-fattibilità li jiġu impjegati metodoloġiji u indikaturi moderni għall-ġbir ta’ statistika ta’ kwalità għolja minn sorsi mhux tradizzjonali bħalma huwa l-internet jew sorsi ta’ dejta kbar oħra. L-esperjenzi ġew imqassra f’manwal preliminari, li jista’ jiġi applikat mill-NSIs. Ġew identifikati wkoll repożitorji ta’ dejta kbar u ġie analizzat il-potenzjal tagħhom għal statistika uffiċjali. Dan inkluda negozjati ma’ sidien kbar tad-dejta dwar il-kundizzjonijiet għall-użu tad-dejta mill-NSIs u l-iżvilupp ta’ kriterji għall-valutazzjoni tal-kwalità meħtieġa. Ir-riżultati tal-proġett se jikkontribwixxu għal inizjattiva usa’ mill-ESS dwar ‘Big Data u statistika uffiċjali”.[8]

L-iżvilupp ta’ għodda għall-estrazzjoni, trażmissjoni u trattament aktar effiċjenti tad-dejta.

Xi NSIs irċevew appoġġ finanzjarju biex jimplimentaw sistemi ta’ ġbir ta’ dejta onlajn u kwestjonarji elettroniċi, tabelli ta’ konverżjoni bejn il-GAAP (Prinċipji tal-Kontabbiltà Aċċettati Ġeneralment) u karatteristiċi tal-istatistika kif ukoll l-Extensible Business Reporting Language (XBRL). Il-proġett 'Nagħmlu użu aħjar mid-dejta doganali fl-istatistika tal-kummerċ estern (Extrastat)' għen lill-Membri tal-ESS jadattaw is-sistemi tagħhom tal-ġbir tad-dejta għas-sistemi doganali l-ġodda skont il-leġiżlazzjoni doganali.

2.5 Objettiv 4: Il-modernizzazzjoni ta’ l-Intrastat

L-armonizzazzjoni ta’ metodi għat-titjib tal-kwalità taħt Intrastat issimplifikata

Il-proġett 'Armonizzazzjoni ta’ metodi għat-titjib tal-kwalità tal-istatistika tal-kummerċ intra-UE' kien riżultat ta’ eżerċizzju ta’ semplifikazzjoni, fejn iż-żewġ proġetti 'It-titjib tal-kwalità tad-dejta taħt sistema ssemplifikata Intrastat' u 'It-tnaqqis tal-assimetriji fl-Intrastat', ġew amalgamati. Linji gwida għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Intrastat u Extrastat ġew żviluppati bejn l-2009 u l-2013 biex jiġu promossi prattiki armonizzati u mixtieqa.

---

[8] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/pgp_ess/about_ess/statistical_committees/dgins.

Xi Stati Membri rċevew għotjiet għall-implimentazzjoni ta’ dawn il-metodi u l-prattiki biex tittejjeb il-kwalità tal-istatistikatal-kummerċ fl-UE. Ix-xogħol biex jitnaqqsu l-asimetriji fil-livell dettaljat u aggregat tkompla minn sensiliet ta’ rikonċiljazzjoni madwar l-UE organizzati fl-2009 u l-2012. Fl-2013 ir-riżultati ġew evalwati qabel ma ttieħdu passi ulterjuri. Xi Stati Membri rċevew għotjiet sabiex iwettqu studji rikonċiljatorji bilaterali jew multilaterali.

L-użu aħjar ta’ dejta amministrattiva

Bejn l-2009 u l-2013, ġie provdut ukoll appoġġ finanzjarju biex jittejjeb l-użu mill-Istati Membri ta’ dejta amministrattiva meta tiġi prodotta statistika tal-kummerċ fl-UE. L-għanijiet kienu t-tnaqqis tal-piż tar-rispons u t-titjib tal-kwalità tal-istatistiki tal-kummerċ fl-UE. Ix-xogħol iffoka fuq użu aħjar ta' dejta amministrattiva — VAT (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u VIES (Skambju ta' Informazzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) — f'diversi fażijiet tal-ġbir tad-dejta tal-Intrastat u s-sistemi ta' kompilazzjoni.

Il-potenzjal li tintuża dejta amministrattiva oħra eżistenti kien investigat għal tranżazzjonijiet speċifiċi, bħalma huma l-kummerċ f’vapuri u ajruplani jew il-kummerċ tal-gass u tal-elettriku. Kofinanzjati bi ftehimiet ta’ għotja, għaxar Stati Membri rnexxilhom jimplimentaw għodod u metodi biex jagħmlu użu aħjar mid-dejta amministrattiva, u kienu kapaċi jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-fornituri ta’ informazzjoni statistika, kif ukoll itejbu l-kwalità tad-dejta.

Titjib u faċilitazzjoni tal-iskambju tad-dejta fl-Intrastat

Proġetti għall-iżvilupp ta’ għodod u metodi għall-iskambju tad-dejta fl-Intrastat għall-membri tal-ESS, finanzjati minn għotjiet u kuntratti mill-2009 sal-2012, irriżultaw f’aktar użu ta’ teknoloġiji elettroniċi għall-iskambju, il-validazzjoni u l-ġbir ta' dejta primarja permezz ta’ proċessi sikuri awtomatizzati fuq livell nazzjonali u dak tal-UE. Is-sistemi nazzjonali ta’ ġbir ta’ dejta u l-produzzjoni ġew imtejba u ottimizzati.

3. Konklużjoni

Id-Deċiżjoni dwar il-MEETS iddeskriviet azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati matul il-ħames snin tal-Programm MEETS. Għadd relattivament kbir ta’ inizjattivi setgħu jinbdew fl-ewwel sentejn tal-programm. Madankollu, kien hemm tnaqqis fil-baġit u nuqqas ta’ riżorsi umani fl-Uffiċċji Nazzonali tal-Istatistika (NSIs).

Dan kien ifisser li l-programm kellu jiġi ssemplifikat permezz tal-amalgamazzjoni ta' xi attivitajiet u/jew l-iffukar fuq sitt oqsma prinċipali koperti minn ESSnets: konsistenza ta' kunċetti u metodi, EGR, tfassil ta' profili ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar u kumplessi, irbit ta' mikrodejta u ħżin ta' dejta fil-produzzjoni statistika, metodoloġija għall-istatistika tan-negozju, u l-użu ta' dejta amministrattiva u tal-kontabbiltà.

Sal-aħħar tal-2013, dawn l-ESSnets kisbu ammont impressjonanti ta’ xogħol f'oqsma bħall-metodoloġija tal-EGR, it-tfassil tal-profili, l-użu ta’ dejta amministrattiva, il-konsistenza ta' atti legali, il-ħażna tad-dejta u inizjattivi għall-irbit tad-dejta. L-aktar riżultati importanti huma rakkomandazzjonijiet metodoloġiċi għal firxa wiesgħa ta’ oqsma relatati tal-istatistika tan-negozju u l-kummerċ. Ir-rakkomandazzjonijiet huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni

ta’ settijiet ta’ dejta u, jekk ikunu implimentati, jistgħu jnaqqsu l-piż tal-istatistika fuq in-negozji.

B’mod parallel, għadd sostanzjali ta’ għotjiet individwali ġew użati biex jappoġġjaw il-ħidma tal-membri tal-SSE f’oqsma bħal pereżempju l-EGR, l-irbit tal-mikrodejta, l-użu ta’ dejta amministrattiva, l-iffaċilitar tat-trasferiment tad-dejta minn intrapriżi lill-NSIs, u użu aħjar ta’ dejta amministrattiva, u l-iżvilupp ta’ għodod u metodi għall-iskambju tad-dejta fl-Intrastat.

Numru limitat ta’ kuntratti ġew mogħtija bil-għan li jiġu akkwistati servizzi f’oqsma bħal sistemi aħjar ta’ skambju ta’ dejta fl-Intrastat, l-implimentazzjoni u l-ittestjar tat-tfassil ta' profili, u l-iżvilupp tal-iskemi tal-ikkampjunar tal-UE biex jiġu prodotti aggregati tal-UE.

Kemm l-għotjiet u kif ukoll il-kuntratti ikkontribwixxew għall-produzzjoni tal-ESSnets, prinċipalment bil-preparazzjoni tal-metodoloġija jew permezz tal-ittestjar tal-fattibilità. Barra minn hekk, wasslu għal titjib fl-oqsma msemmija fuq livell nazzjonali.

Il-benefiċċji tal-programm MEETS għall-Unjoni, l-Istati Membri, il-fornituri u l-utenti ta’ statistika relatata huma diffiċli biex jiġu kkwantifikati, billi r-redditu fuq l-investimenti jimmaterjalizza biss gradwalment fuq perjodu ta’ żmien. Bosta mill-azzjonijiet iffokaw direttament jew indirettament fuq it-titjib tal-effiċjenza fil-produzzjoni tal-istatistika tan-negozju, eż. permezz tat-trawwim tal-integrazzjoni, tal-innovazzjoni ta' proċessi ewlenin tal-produzzjoni u trasferiment ta' għarfien fl-ESS. It-titjib tal-effiċjenza se jnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi. Dan għandu jsir b’konformità mal-isforz kontinwu tal-Kummissjoni biex tittejjeb il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex jiġi stimulat tkabbir addizzjonali għall-ekonomija tal-UE[9]. Il-programm MEETS kien parti mill-kontribuzzjoni statistika tal-Komunità f'dan ir-rigward.

Mingħajr il-programm MEETS, xi Stati Membri kieku kienu jinvestu l-baġit fil-modernizzazzjoni tal-istatistika tan-negozju u l-kummerċ b’mod mhux koordinat. Dan kien jipproduċi riżultati li ma kinux ikunu kumparabbli ma’ dawk ta’ Stati Membri oħra tal-UE u minħabba f'hekk l-aggregazzjoni mal-aggregati Ewropej kienet tkun problematika. Xi Stati Membri ma kinux jieħdu azzjonijiet xierqa u kienu jaqgħu lura fl-iżviluppi f’oqsma bħal-globalizzazzjoni, u kieku kienu jkunu nieqsa mill-istampa Ewropea. Xi Stati Membri kieku kienu jirduppjaw l-isforzi tagħhom, filwaqt li jwettqu eżerċizzji simili u jirripetu l-iżbalji.

L-ispejjeż marġinali ta' implimentazzjoni ta' approċċi biex is-sistemi tal-istatistika tan-negozju u tal-kummerċ ikunu immodernizzati b'suċċess jistgħu jkunu aktar baxxi f'xi Stati Membri minn dawk meħtieġa għall-iżviluppar ta’ sistemi kompletament ġodda. Sforzi mhux koordinati kieku kienu jwasslu għal sitwazzjoni fejn iffrankar potenzjali ma kienx ikun possibbli.

L-għan tal-programm MEETS ma kienx biss biex jitnaqqas il-piż tar-rispons, iżda wkoll biex titqies il-possibiltà tal-ħolqien ta' proċessi ta’ produzzjoni tal-istatistika ġodda u tagħrif statistiku ġdid, biex jibqa' rilevanti għall-utenti. Rekwiżiti ġodda għal informazzjoni jistgħu

9 http://ec.europa.eu/smart-regulation/index_en.htm.

jżidu l-piż tar-rispons għal setturi differenti. Barra minn hekk, it-tfassil mill-ġdid ta' operazzjonijiet tal-istatistika u l-proċessi tal-istatistika jeħtieġ aktar sforzi u investimenti.

Biex jiġu sfruttati bis-sħiħ opportunitajiet biex l-UE tiġi pprovduta bi statistika rilevanti aħjar tan-negozju u tal-kummerċ, filwaqt li jitnaqqas il-piż li tiġġenera l-istatistika fuq in-negozji, kien hemm bżonn ta' investiment biex is-sistema mġedda tkun tista' tibda topera. Xi sistemi ta' ġbir ġodda, li huma aktar kosteffettivi (bl-irbit ta' sistemi tad-dejta eżistenti u modi alternattivi ta' ġbir ta' dejta oħra apparti l-istħarriġ tradizzjonali) ġew ittestjati f'għadd ta' Stati Membri bil-għan li jinħolqu mudelli applikabbli għal kulħadd. Il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-prattiki tajba (ESSnets) kienu l-qalba ta' dan il-programm.

Bħala segwitu dirett għall-Programm MEETS, l-Eurostat varat reviżjoni fundamentali u integrazzjoni ta' statistika marbuta man-negozju permezz ta' qafas legali komuni għall-ġbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u t-tixrid tal-istatistika dwar attivitajiet ekonomiċi tas-settur tan-negozju, FRIBS. Attwalment, Intrastat huwa kkunsidrat bħala l-qasam li jieħu l-aktar ħin, minħabba li jimponi aktar minn 50 % tal-piż sħiħ tal-istatistika fuq in-negozji[10]Bħala parti minn FRIBS, l-għan tal-Eurostat huwa li jirriforma l-Intrastat[11] permezz tal-hekk imsejħa pakkett internazzjonali tal-kummerċ jew l-Istatistika tas-Suq Uniku (SIMSTAT). Se tingħata attenzjoni speċjali lill-Istati Membru ż-żgħar tal-UE. Dan jitratta s-semplifikazzjoni tal-Intrastat u l-kwalità tad-dejta statistika relatata.

---

[10] http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/admin_burden/docs/enterprise/files/abst09_statistics_en.pdf.

[11] Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ tal-merkanzija bejn Stati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1).